# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR.  JOSEPH GATT LL.D.

### Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Marzu 2025

**Avviż Nru: 13/2025**
**Nru fuq il-Lista: 1**

### 360 Manufacturing Limited (C49513)

### vs

### API Contractors Limited (C85752)

**Il-Qorti;**

Rat l-Avviż tas-soċjetà attriċi mressaq fit-22 ta' Jannar 2025[1] fejn din il-Qorti ntalbet tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' disat elef, seba' mija, erbgħa u ħamsin Ewro, u tnejn u tmenin ċenteżmu (€9,754.82ċ) rappreżentanti bilanċ minn somma akbar in konnessjoni mal-manifattura u installazzjoni ta' aperturi ordnata mis-soċjetà konvenuta u mhux imħallsa. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri, ta' ittra bonarja u ta' mandat ta' sekwestru, flimkien mal-imgħax.

[1] A fol 1 tal-proċess.

Rat id-dokumenti annessi mal-Avviż[2].

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Jannar 2025[3].

Rat dak li seħħ fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2025[4] fejn irriżulta li s-soċjetà intimata kienet ġiet debitament notifikata iżda ma ressqitx risposta u lanqas dehret għas-seduta. Dakinhar ġie mressaq kapitolu fil-konfront tagħha[5].

Rat dak li seħħ fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2025[6], fejn is-soċjetà konvenuta reġgħet ma dehritx u l-kapitolu msemmi ġie dikjarat bħala mistħoqq u mistqarr. Dakinhar il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi kif ġie senjalat hawn fuq is-soċjetà attriċi straħet fuq il-kapitolu mressaq kontra s-soċjetà konvenuta, liema kapitolu ġie dikjarat bħala mistqarr u mistħoqq. Illi huwa aċċettat li l-Qorti għandha tevalwa l-provi mressqa

[2] A fol 2 u 3 tal-proċess.
[3] A fol 5 tal-proċess.
[4] A fol 9 tal-proċess.
[5] A fol 10 tal-proċess.
[6] Verbal relattiva jinsab a fol 11 tal-proċess

magħdud mal-konfessjoni tas-subent[7], f'każ ta' evidenza ulterjuri[8]. Fi kliem ieħor, jista' jagħti l-każ li l-Qorti ma toqgħodx fuq il-kapitolu jekk tinstab prova oħra li tista' tikkontradixxi l-konfessjoni hekk provokata[9]. Dan però m'huwiex il-każ tal-lum, għaliex is-soċjetà attriċi straħet biss fuq l-istess kapitolu.

Illi għalhekk it-talba tas-soċjetà attriċi għandha tiġi milqugħa. Madanakollu, l-ispejjeż tal-ittra bonarja msemmija fl-Avviż m'humiex sejrin jingħataw. L-istess ittra ma ġietx imressqa u għalhekk il-Qorti tħalliet fl-għama dwar l-

[7] Fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Sultana vs Tony Xerri**, (Appell Civili - Ghawdex Numru. 7/2009/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-7 ta' Lulju 2010, in tema ngħad li *"... huwa dejjem ta' rilevanza li jigi denotat f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-apprezzament tal-pertinenza u ta' l-influwenza tal-kapitoli tikkostitwixxi valutazzjoni ta' natura diskrezzjonali rizervata lill-gudikant fil-mertu... ghalkemm in-nuqqas ta' twegiba ghal kapitolu taghmel prova posittiva jew argoment indizzjarju ta' prova, il-valur ta' din l-istess prova seta' dejjem jigi mwarrab jekk, fuq l-apprezzament prudenzjali, jinstab li l-oggett tat-talba mhux sufficjentement suffragat minn elementi ohra ta' prova akkwiziti mill-process".* Utli wkoll issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Leonard Incorvaja vs Manuel Camilleri et,** (App Nru: 370/02) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-4 ta' Ġunju 2018 fejn propju aggravju dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti ma kinitx qieset il-fatt tal-kapitolu bħala determinati ġie miċħud wara li sar dan ir-raġunament: *"Għalkemm huwa veru li l-kapitolu għandu jitqies bħala konfessjoni meta s-subent ma jkunx deher il-qorti sabiex iwieġeb u ma jkunx iġġustifika n-nuqqas, pero' b'daqshekk ma jfissirx li l-qorti għandha toqgħod dejjem fuq il-preżunta konfessjoni. Is-subizzjoni għandha tiġi eżaminata flimkien mal-provi l-oħra tal-kawża, b'mod illi jekk il-kapitolu ma jkunux konfaċenti mal-provi l-oħra tal-kawża, u l-ġudikant jidhirlu li għandu jagħti prevalenza lil dawk il-provi l-oħra, l-konfessjoni preżunta derivanti mis-subizzjoni iċċedi quddiem dawk il-provi l-oħra. Fis-sentenza Fenici Insurance Agency Limited nomine vs Paul Stoner et tat-22 ta' Novembru 2002, din il-qorti qalet: "Il-Qorti tagħmel din l-aħħar osservazzjoni fir-rigward. Ma jfissirx illi l-fatt biss li subent ikun naqas bla ġustifikazzjoni li jidher biex jirrispondi għall-kapitolu magħmul kontra tiegħu kellu neċessarjament iwassal biex il-Qorti tilqa' t-talba attriċi. Dan għaliex skont il-liġi 'l-ammissjoni bis-subizzjoni ta' waħda mill-partijiet tista' tagħmel prova ta' fatt...." (Art. 694(2)). Aktar rilevanti hu s-subinċiż (3) ta' dan l-artikolu li jiddisponi illi f'kull każ tkun magħduda bħala li tagħmel prova dik il-parti biss tal-ammissjoni li l-Qorti jidhrilha li tistħoqq li tkun emmnuta".*

[8] Huwa t'interess dak li seħħ fil-proċeduri fl-ismijiet **Elmo Insurance Ltd vs Grezzju Abela,** (App Inf Nru: 188/2019) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-16 ta' Frar 2022 fejn dik il-Qorti irrevokat sentenza dan il-Qorti diversament preseduta li ċaħdet it-talba attriċi minħabba nuqqas ta' provi. Għal-kompletezza jingħad li f'dawk il-proċeduri s-soċjetà appellanti kienet resqet diversi dokumenti fl-istadju tal-appell, bl-utilizzar tal-artikolu 145 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[9] F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Vincent Falzon vs Jane Debono,** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-7 ta' Marzu 1984.

eżistenza tagħha u l-kontenut tal-istess. Fi kwalunkwe każ, lanqas tressqet xi rċevuta għaliha sabiex, fin-nuqqas ta' taxxa, tkun tista' tingħata valur[10].

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lis-soċjeta konvenuta tħallas lill-istess soċjetà attriċi s-somma ta' disat elef, seba' mija, erbgħa u ħamsin Ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€9,754.82ċ) bl-imgħax legali mit-22 ta' Jannar 2025[11] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u tal-mandat ta' sekwestru msemmi fl-Avviż, iżda mhux dawk tal-ittra bonarja msemmija, jitħallsu fl-intier tagħhom mill-mis-soċjetà konvenuta.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[10] Ara b'differenza dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **London Services Limited vs Cleanique Services Limited *et,*** (Avv Nru: 251/2024) mogħtija minn din il-Qorti nhar is-17 ta' Marzu 2025.
[11] Data tal-preżentata tal-Avviż.